

Brussell, 10 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7323/23

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0139 (COD)

VISA 46
COWEB 30
COMIX 125
CODEC 352

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 138 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar Pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (Kosovo*)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 138 final.

Mehmuż: COM(2023) 138 final

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2023
COM(2023) 138 final

2016/0139 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

Pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (Kosovo^{*})

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

Pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (Kosovo*)

1. SFOND

Id-data ta' meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill [10 ta' Mejju 2016].
(dokument COM(2016) 277 – 2016/0139 COD):

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari: [28 ta' Marzu 2019].

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: [9 ta' Marzu 2023].

2. L-OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-proposta huwa:

- (a) Li tippermetti liċ-ċittadini tal-Kosovo jivvjaġġaw lejn l-UE mingħajr viża għal 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum billi l-Kosovo jiġi ttrasferit għal-lista ta' pajjiżi terzi mingħajr viża tal-UE.
- (b) Li jiġi rikonoxxut l-impenn kontinwu tal-awtoritajiet tal-Kosovo biex jimlew il-punti ta' riferiment tal-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża, li ġew ivvalutati bħala mimlija mill-Kummissjoni Ewropea minn Lulju 2018.
- (c) Li joffri lir-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent aċċess mingħajr viża għaż-żona Schengen bl-inklużjoni tal-Kosovo fil-lista u għalhekk ikompli jżid ir-rabtiet u l-kuntatti bejn il-persuni bejn l-UE u r-reġjun kollu, filwaqt li jiżgura li jsiru sforzi konġunti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-migrazzjoni irregolari.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti għalkollox il-ftehim li ntlaħaq fl-ewwel u l-uniku trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kif konkluż fl-14 ta' Diċembru 2022. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim riflessi fil-premessi tar-Regolament huma dawn li ġejjin:

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- Il-Kosovo ssodisfa r-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali tiegħu lejn reġim mingħajr viża. L-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża se tiżgura li r-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent ikun soġġett għall-istess reġim tal-viża.
- L-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża se tapplika biss għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi maħruġa mill-Kosovo f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), u se tapplika fid-data li fiha tibda topera s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), jew mill-1 ta' Jannar 2024, skont liema data tiġi l-ewwel.
- Qabel l-applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża, huwa importanti li ftehimiet jew arranġamenti ta' riammissjoni, kif applikabbli, jiġu konklużi mal-Istati Membri li għad m'għandhomx tali ftehim jew arranġament. Ladarba jiġi konkluż, il-Kosovo għandu jimplementahom bis-sħiħ, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' non-refoulement.
- Il-Kosovo jenħtieġ li jfittex li jallinja aktar il-politika dwar il-viżi tiegħu mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod attiv l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali lejn reġim mingħajr viża mal-Kosovo, u l-allinjament tal-politika dwar il-viżi, permezz tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża.

Il-Kummissjoni appoġġat il-ftehim milħuq fit-trilogu, li ppermetta li jsir progress fuq proposta li ilha teżisti tal-Kummissjoni biex il-Kosovo jiġi inkluż fil-lista ta' vjaġġar mingħajr viża u għalhekk jirriżulta li r-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent ikun kopert minn reġim mingħajr viża meta jivvjaġġa lejn l-UE.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill.